

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

*Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel*

PROVIŻORJU  
**2006/0287(COD)**

19.4.2007

\*\*\*|

## **ABBOZZ TA' RAPPORT**

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2000/53/KE dwar vetturi li m'għadhomx jintużaw fir-rigward tas-setgħat ta' implementazzjoni mogħti ja l-Kummissjoni (COM(2006)0922 – C6-0006/2007 – 2006/0287(COD))

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel

Rapporteur: Karl-Heinz Florenz

### ***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni  
*maġġoranza tal-voti miifugħa*
- \*\*I Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari)  
*maġġoranza tal-voti miifugħa*
- \*\*II Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari)  
*maġġoranza tal-voti miifugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni*  
*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
- \*\*\* Proċedura ta' kunsens  
*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, appartil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE*
- \*\*\*I Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari)  
*maġġoranza tal-voti miifugħa*
- \*\*\*II Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari)  
*maġġoranza tal-voti miifugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni*  
*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
- \*\*\*III Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari)  
*maġġoranza tal-voti miifugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt*

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

### ***Emendi għal test leġiżlattiv***

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***gawwija korsiva***. Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li ġħalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verzjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

## **WERREJ**

### **Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	5
NOTA SPJEGATTIVA .....	7



## **ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW**

**dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2000/53/KE dwar vetturi li m'għadhomx jintużaw fir-rigward tas-setgħat ta' implejtażzjoni mogħtija lill-Kummissjoni  
(COM(2006)0922 – C6-0006/2007 – 2006/0287(COD))**

**(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2006)0922)<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 175 (1) tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0006/2007),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel (A6-0000/2007),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emedata;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-proposta lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

Test propost mill-Kummissjoni

---

Emendi tal-Parlament

Emenda1

ARTICLE 1, POINT (1) (B)

Article 4, paragraph 2, point (b), subparagraph 2 (Directive 2000/53/EC)

**Dawk** il-miżuri, mfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, għandhom ikunu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmi fl-Artikolu 11(3).

**Il-miżuri *msemmija fil-punti (i) sa (iv)*, imfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, għandhom ikunu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmi fl-Artikolu 11(3).**

---

<sup>1</sup> ĠU C ... / Għadha mhux ippubblikata fil-ĠU.

*Din l-emenda għandha l-għan li tikkjarifika l-kamp ta' applikazzjoni tal-proċedura regolatorja bi skrutinju fl-Artikolu 4(2), punt (b).*

Emenda 2  
ARTIKOLU 1, PUNT 7  
Artikolu 11, paragrafu 3 (Direttiva 2000/53/KE)

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikolu 5a(1) sa (4) **u (5)(b)**, u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw, filwaqt li jkunu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

3. Fejn ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, wara li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

*Ġustifikazzjoni*

*Mhuwiex xieraq li jintaqqsu l-iskadenzi standard taż-żmien tal-proċedura regolatorja bi skrutinju. Għalhekk ir-referenza għall-Artikolu 5 a, paragrafu (5)(b) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE hija mħassra.*

## **NOTA SPJEGATTIVA**

L-aġġustament tad-Direttiva dwar vetturi li ma jkunux jistgħu jibqgħu jintużaw għad-Deċiżjoni riveduta ta' Komitoloġija 1999/468/KEE għandha tqis bis-sħiħ il-proċedura regolatorja bi skrutinju li għadha kemm ġiet introdotta. Ir-referenzi għal din il-proċedura għandhom ikunu ċari u m'għandhomx jinvolvu kwalunkwe tnaqqis tal-limiti taż-żmien meta mqabbla mal-limiti ta' żmien standard tal-proċedura regolatorja bi skrutinju.